IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.7.2022
COM(2022) 357 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## dwar il-qafas ta’ monitoraġġ għat-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali: Kejl tal-progress lejn l-objettivi prijoritarji tal-Programm għall-2030 u għall-2050

MT MT

## 1. Introduzzjoni

It-tmien (8) programm ta' azzjoni ambjentali (it-tmien EAP)[1] għandu l-għan li sal-2030 jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika u jiżgura azzjoni deċiżiva għall-ħarsien u għar-restawr tal-ambjent. Sa mill-1973, l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika ambjentali tal-UE kienu ggwidati minn programmi ta' azzjoni ambjentali ġenerali, li pprovdew il-qafas għall-azzjoni ambjentali u klimatika mill-UE u mill-Istati Membri tagħha. It-tmien EAP jissejjes fuq l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew (EGD, European Green Deal)[2], li huwa l-istrateġija tal-UE għat-tkabbir biex tinkiseb ekonomija ċirkolari newtrali għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi, mhux tossika, reżiljenti u kompetittiva b'mod ġust u inkluživ. Il-programm huwa fundamentali wkoll biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali u klimatiċi skont l-Aġenda 2030 tan-NU, l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) tagħha u l-ftehimiet ambjentali u klimatiċi multilaterali.

Fl-isfond ta' serje ta' kriżijiet ekonomiċi u ġeopolitiċi ta' sfida, inkluż l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, it-tmien EAP jirrappreżenta d-determinazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex jindirizzaw il-kriżijiet klimatiċi, tal-bijodiversità u tat-tniġġis u biex jagħmlu lill-UE aktar reżiljenti għal xokkijiet futuri. It-tmien EAP jistabbilixxi objettiv prijoritarju fit-tul għall-2050 biex *ngħixu tajjeb, fi ħdan il-limiti planetarji,* u sitt objettivi prijoritarji tematiċi. Dan jinkludi wkoll qafas ambizzjuż ta' 34 "kundizzjoniabilitanti" biex dawn l-objettivi jintlaħqu f'konformità mal-ġurament tal-EGD "la tagħmilx ħsara" u tranżizzjoni ġusta fejn ħadd ma jitħalla jibqa' lura[3].

**L-objettiv prijoritarju tat-tmien EAP tal-2050***: "Sa mhux aktar tard mill-2050, in-nies jgħixu tajjeb, fi ħdan il-limiti planetarji f'ekonomija tal-benesseri fejn ma jinħela xejn, it-tkabbir ikun riġenerattiv, in-newtralità klimatika tkun inkisbet fl-Unjoni u l-inugwaljanzi jkunu tnaqqsu b'mod sinifikanti. Ambjent b'saħħtu jirfed il-benesseri tal-persuni kollha u huwa ambjent li fih il-bijodiversità hija preservata, l-ekosistemi jiffjorixxu, u n-natura tiġi protetta u rrestawrata, li jwassal għal reżiljenza akbar għat-tibdil fil-klima, għad-diżastri relatati mat-temp u mal-klima u riskji ambjentali oħra. L-Unjoni tistabbilixxi l-pass biex tiżgura l-prosperità tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri globalment, gwidata mir-responsabbiltà interġenerazzjonali."*

Il-monitoraġġ tax-xejriet ewlenin b'mod koerenti mal-indikaturi t-tajbin huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-UE tkun qed tagħmel progress lejn l-objettivi ambjentali u klimatiċi tagħha. Biex jappoġġa u jsaħħaħ approċċ integrat, it-tmien EAP jistabbilixxi mekkaniżmu ta' governanza u jagħti lill-Kummissjoni l-kompitu li tistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ ġdid għall-kejl tal-progress lejn l-objettivi prijoritarji tiegħu - il-qafas ta' monitoraġġ tat-tmien EAP. Il-qafas ta' monitoraġġ irid ikun ibbażat fuq għadd limitat ta' **indikaturi ewlenin**, inklużi indikaturi sistemiċi dwar ir-rabtiet bejn id-dimensjonijiet ambjentali u soċjali u l-ekonomija, li jippermettu lill-UE ssegwi l-progress lejn tranżizzjoni ekoloġika u twettaq sorveljanza politika strateġika ta' livell għoli. Il-

[1] Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (it-tmien EAP).

[2] COM(2019) 640 final.

[3] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, COM(2021) 801 final.

Kummissjoni għandha l-kompitu li tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-azzjonijiet meħuda u li tiddeskrivi azzjonijiet futuri possibbli.

## 2. Karatteristiċi ġenerali tal-qafas ta' monitoraġġ tat-tmien EAP

Il-mekkaniżmu ta' governanza tat-tmien EAP jinvolvi l-monitoraġġ, il-valutazzjoni u r-rapportar annwali mill-Kummissjoni dwar il-progress lejn is-sitt objettivi prijoritarji tal-programm, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet abilitanti u l-għan kumplessiv li tinkiseb bidla sistemika. Il-Kummissjoni għandha tiġi appoġġata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), li qiegħda tiżviluppa qafas ta' indikaturi dwar is-sustanzi kimiċi.

Is-sett ta' indikaturi ewlenin tat-tmien EAP jinsab fil-qalba tal-mekkaniżmu ta' governanza. Skont l-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni dwar il-programm, l-indikaturi jridu jibnu fuq *data* eżistenti biex jimminimizzaw il-piż amministrattiv u biex jirriflettu l-aħħar żviluppi fir-rigward tad-disponibbiltà u r-rilevanza tad-*data* u tal-indikaturi. Barra minn hekk, il-qafas ta' monitoraġġ irid ikun ibbażat fuq metodoloġija li tippermetti lill-Kummissjoni tikkalkula kemm fadal biex jintlaħqu l-miri relatati mal-objettivi prijoritarji. Meta l-leġiżlazzjoni tal-UE tistabbilixxi miri legalment vinkolanti tal-UE, l-indikaturi li jirfduhom intgħażlu biex jimmonitorjaw l-objettivi tal-programm u l-kundizzjonijiet abilitanti rilevanti. Pereżempju, l-UE qablet dwar mira legalment vinkolanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, imkejla f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO2, b'55 % mil-livelli tal-1990 sal-2030. Meta jkun hemm rekwiżiti ġuridiċi ġenerali jew miri u objettivi ta' aspirazzjoni, jenħtieġ li jintużaw indikaturi li jkejlu l-progress fid-direzzjoni mixtieqa. Pereżempju, *l-iskart totali ġġenerat* tirrifletti l-isforzi biex tiġi applikata l-ġerarkija tal-iskart u għalhekk tnaqqas b'mod sinifikanti l-iskart sal-2030; i*s-sehem tat-tassazzjoni ambjentali fid-dħul totali mit-taxxa* jirrifletti l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".

L-objettivi tat-tmien EAP tal-2030 u l-viżjoni tal-2050 jeħtieġu indikaturi li jkejlu r-riżultati fit-tul fl-UE u fl-Istati Membri (indikaturi tal-"impatt" jew tal-"eżiti" )[4]. Madankollu, meta jkun hemm rilevanza politika qawwija jew rabta mal-mira miftiehma, xi każijiet ikunu jinkludu indikaturi li jiffokaw fuq l-azzjoni meħuda (indikaturi tal-"output"). L-indikatur dwar *iż-żoni protetti* huwa eżempju ta' dan tal-aħħar, minħabba r-rabta tiegħu mal-mira dwar il-ħarsien ta' 30 % taż-żona tal-art u tal-baħar sal-2030.

Il-qafas ta' monitoraġġ tat-tmien EAP jinkludi indikaturi ewlenin magħżula biex jiġi pprovdut sommarju politiku ta' livell għoli. Il-qafas ta' monitoraġġ jissejjes fuq għodod ta' monitoraġġ speċifiċi għas-settur biex tiġi żgurata l-koerenza u jiġi minimizzat il-piż amministrattiv. Dawn l-għodod jinkludu l-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-azzjoni klimatika[5], il-qafas ta' monitoraġġ tal-ekonomija ċirkolari, il-qafas ta' monitoraġġ tal-bijodiversità tal-UE[6], is-sistema ta'

---

4 COM "[Strumenti għal regolamentazzjoni aħjar]", edizzjoni ta' Novembru 2021, p. 358.
5 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-11 ta' Diċembru 2018.
6 Id-dashboard tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità u l-insegwitur tal-azzjoni: https://dopa.jrc.ec.europa.eu/kcbd/dashboard/.

monitoraġġ tal-bijoekonomija tal-UE[7] u l-qafas ta' monitoraġġ li jmiss dwar it-tniġġis żero[8]. Iqis ukoll l-informazzjoni intuwittiva mir-rieżami tal-implimentazzjoni ambjentali[9].

Ftehim wiesa' dwar l-indikaturi ewlenin ambjentali se jappoġġa messaġġi koerenti fir-rapportar dwar il-politiki ambjentali u klimatiċi minn perspettiva usa', bħal:

- l-"għodda ta' viżwalizzazzjoni tal-EGD" , li tkopri wkoll aspetti diġitali u ta' ekwità[10]
- ir-rapporti annwali ta' progress tal-UE dwar is-17-il SDG kollha[11]
- il-valutazzjoni olistika tad-dashboard tar-reżiljenza fl-UE u fl-Istati Membri tagħha[12]
- l-indiċi tal-prestazzjoni tat-tranżizzjoni li jikklassifika l-progress ta' 45 pajjiż fuq erba' dimensjonijiet tat-tranżizzjonijiet lejn is-sostenibbiltà[13]
- is-Semestru Ewropew li, minbarra l-enfasi tiegħu fuq il-koordinazzjoni wiesgħa tal-politika ekonomika u tal-impjiegi, jipprovdi rapportar dwar l-SDGs madwar l-Istati Membri kollha[14] u
- l-għodda interattiva tal-Indikaturi Komposti u l-Esploratur tat-Tabelli ta' Valutazzjoni[15] li tospita aktar minn 100 miżura multidimensjonali.

It-8 EAP MF huwa allinjat mar-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u l-proposti tiegħu fil-qasam tat-tibdil fil-klima u l-ambjent[16].

## 3. Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

Il-Kummissjoni ppubblikat dokument konsultattiv dwar l-approċċ u l-arkitettura proposti għall-qafas ta' monitoraġġ tat-tmien EAP fis-17 ta' Frar 2021, li ddeskriva s-sett eżistenti ta' indikaturi u l-prinċipji użati biex tiġi ggwidata l-għażla tal-indikaturi ewlenin. Dan id-dokument, flimkien ma' nota komplementari tal-14 ta' Lulju 2021[17] li tinkludi l-ewwel proposta għal indikaturi ewlenin kienu l-bażi għall-konsultazzjonijiet li saru minn Lulju 2021 sa Jannar 2022. Il-Kummissjoni organizzat workshop għall-Istati Membri u workshop għall-partijiet ikkonċernati esterni fil-ħarifa tal-2021 biex issir diskussjoni fuq is-sett ta' indikaturi proposti. Wara l-qbil

7 Dashboards Relatati: https://knowledge4policy.ec.europa.eu/visualisation/eu-bioeconomy-monitoring-system-dashboards_en; https://knowledge4policy.ec.europa.eu/biodiversity/topic/eu-biodiversity-strategy-actions-tracker_en.

8 COM(2021) 400 final u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (2021) 141.

9 COM(2019) 149 final.

10 https://ec.europa.eu/eurostat/cache/egd-statistics/.

11 https://ec.europa.eu/eurostat/web/sdi

12 https://ec.europa.eu/info/strategy/strategic-planning/strategic-foresight/2020-strategic-foresight-report/resilience-dashboards_mt

13 https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/strategy/support-policy-making/support-national-research-and-innovation-policy-making/transitions-performance-index-tpi_mt

14 https://ec.europa.eu/eurostat/cache/infographs/sdg-country-overview/

15 https://composite-indicators.jrc.ec.europa.eu/explorer

16 https://futureu.europa.eu/pages/reporting?locale=mt

17 https://ec.europa.eu/environment/news/8th-environment-action-programme-commission-consults-monitoring-framework-headline-indicators-2021-07-19_en.

politiku dwar it-tmien EAP, il-Kummissjoni rrevediet il-lista tal-indikaturi ewlenin f'konformità mal-feedback li rċeviet, u kkonsultat mill-ġdid lill-Istati Membri dwar din il-lista riveduta.

Il-konsultazzjoni ffaċilitat li ssir analiżi bir-reqqa tal-indikaturi f'oqsma tematiċi speċifiċi u ta' għodod ta' monitoraġġ speċifiċi għas-settur. Din iggwidat l-għażla tal-indikaturi ewlenin bħala l-bażi għar-rapporti annwali ta' progress u għenet biex jiġu identifikati diskrepanzi fl-indikaturi, bl-ispazji riżervati miftiehma għall-oqsma fejn indikatur ma jkunx għadu lest biex jintuża jew id-*data* annwali ma tkunx disponibbli. Ġiet identifikata ħtieġa għal indikaturi addizzjonali għall-valutazzjonijiet aktar dettaljati fl-2024 u fl-2029 (ara t-Taqsima 5) u għal dan il-għan se jintużaw indikaturi li ma ġewx inklużi fil-lista finali.

Xi indikaturi, bħal dawk li jkejlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra[18] u l-biedja ekoloġika, ġew identifikati malajr bħala indikaturi ewlenin abbażi tal-kunsens wiesa' li ħareġ mill-konsultazzjonijiet. Kellhom isiru l-għażliet f'oqsma bħal ngħidu aħna t-tniġġis żero. L-indikaturi magħżula jirriflettu bl-aħjar mod in-natura sistemika tal-isfidi u l-politiki ambjentali u klimatiċi, filwaqt li oqsma speċifiċi se jkomplu jiġu vvalutati bl-użu ta' xi għodod ta' monitoraġġ immirati. Ġie inkluż kapitolu separat dwar il-viżjoni olistika tiegħu għall-2050 kif ukoll indikaturi li jirrigwardjaw diversi objettivi prijoritarji jew inizjattivi ewlenin. Pereżempju, l-indikatur tal-impronta fuq il-materjali jirrifletti l-pressjonijiet ambjentali globali relatati mal-konsum tal-UE.

Kien hemm ukoll sejħa qawwija biex jissaħħaħ l-angolu tas-saħħa tal-ekosistema. Konsegwentement, ġew inklużi tliet indikaturi ewlenin għall-kapitolu dwar il-bijodiversità biex jitkejjel il-progress lejn l-objettiv għall-waqfien u għat-treġġigħ lura tat-telfien tal-bijodiversità kemm tal-ispeċijiet individwali kif ukoll tal-ekosistemi. Barra minn hekk, fil-kapitolu dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-indikatur għall-impatt tan-nixfa fuq l-ekosistemi kien aktar ippreferut minn dak għar-riskji ta' nixfa. Barra minn hekk, ġie inkluż indikatur dwar it-teħid tal-art fil-kapitolu dwar il-viżjoni trasversali għall-2050.

Għal xi oqsma, kien hemm qbil li jintużaw l-indikaturi. Pereżempju, għat-tniġġis żero, l-ammont ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art intgħażel bħala indikatur ta' ilma nadif, għalkemm ma jiġix aġġornat kull sena. Għalkemm ma jikkwantifikax it-tnaqqis fit-telf tan-nutrijenti, dan juri l-impatt ta' dan it-telf fuq il-kwalità tal-ilma u jipprovdi indikazzjoni tajba għall-objettivi tat-tnaqqis tan-nutrijenti tal-Patt Ekoloġiku. Għall-bijodiversità, l-indiċi tal-għasafar komuni, pereżempju, juri l-aħjar it-tnaqqis fil-popolazzjonijiet tal-għasafar tar-raba', l-aktar minħabba l-intensifikazzjoni agrikola. Fir-rigward tar-restawr u l-ħarsien tal-ekosistema[19], l-aktar indikaturi xierqa identifikati jirrigwardjaw *iż-żoni protetti* u *l-konnettività tal-foresti*. Jintużaw ukoll indikaturi simili għall-pressjonijiet ambjentali f'sistemi kumplessi. Pereżempju, għas-sistema tal-enerġija sostenibbli, il-konsultazzjoni kkonkludiet kombinazzjoni ta' żewġ indikaturi: *il-konsum tal-* enerġija u l-*enerġija rinnovabbli*.

---

[18] Użati taħt il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tal-klima tal-UE li jistabbilixxu r-regoli interni ta' rapportar tal-UE stess abbażi ta' obbligi miftiehma fuq livell internazzjonali.

[19] Għaddejja ħidma fil-qafas tal-immappjar u l-valutazzjoni tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom (MAES). Il-metodoloġija tal-UE għall-immappjar u l-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistema għandha titlesta sa tmiem l-2022, abbażi ta' standards miftiehma fuq livell internazzjonali mis-sistema tan-NU ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali.

Fl-aħħar nett, għal għadd limitat ta' oqsma li l-indikaturi ma jkunux għadhom disponibbli għalihom iżda li jkunu partikolarment rilevanti għall-politika, l-għażla kienet li ssir referenza għall-iżviluppi futuri (għas-sussidji għall-fjuwils fossili) jew li jiġi inkluż spazju riżervat (inugwaljanzi ambjentali) (ara t-Taqsima 5).

## 4. Indikaturi ewlenin magħżula

L-indikatur ewlieni stabbilit isegwi l-istruttura tat-tmien EAP u jinkludi 26 indikatur. Kull objettiv prijoritarju speċifiku huwa mmonitorjat minn żewġ indikaturi, ħlief il-bijodiversità, li tuża tliet indikaturi. Ħames indikaturi kull wieħed huma inklużi għall-pressjonijiet ambjentali, il-kundizzjonijiet abilitanti u l-objettiv prijoritarju fit-tul tal-2050.

| INDIKATUR | MIRA | SORS[20] |
|---|---|---|
| **Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima** *(l-Artikolu 2(2)(a))* | | |
| 1. **Emissjonijiet tal-gassijiet serra** (GHG, indiċi 1990=100, tunnellati ta' ekwivalenti $CO_2$) | Newtralità klimatika: it-tnaqqis tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 mil-livelli tal-1990[21] | EEA |
| 2. **Emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija** (LULUCF[22], tunnellati ta' ekwivalenti $CO_2$ ) | Newtralità klimatika: iż-żieda fl-assorbimenti netti tal-gassijiet serra minn bjar tal-karbonju mis-settur tal-LULUCF għal -310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti $CO_2$ sal-2030[23] | EEA |
| **L-adattament għat-tibdil fil-klima** *(l-Artikolu 2(2)(b))* | | |
| 3. **Telf ekonomiku relatat mal-klima** (f'biljuni ta' EUR) | Impatt ekonomiku tat-tibdil fil-klima: it-tnaqqis tat-telf monetarju kumplessiv minn avvenimenti relatati mat-temp u mal-klima | EEA[24] |
| 4. **Impatt tan-nixfa fuq l-ekosistemi** (żona affettwata f'km$^2$) | Reżiljenza tal-ekosistema: it-tnaqqis taż-żona affettwata min-nixfa u mit-telf tal-produttività tal-veġetazzjoni | EEA |
| **L-ekonomija ċirkolari riġenerattiva** *(l-Artikolu 2(2)(c))* | | |
| 5. **Konsum tal-materja prima** (tunnellati *per capita*) | Impronta fuq il-materjali: it-tnaqqis b'mod sinifikanti tal-impronta fuq il-materjali tal-UE[25], billi jitnaqqas l-ammont ta' materja prima meħtieġ għall-produzzjoni tal-prodotti kkunsmati fl-UE billi jitnaqqas l-ammont ta' | Eurostat |

20 L-organizzazzjoni responsabbli għall-ġbir u l-metodoloġija tad-*data*.
21 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tat-30 ta' Ġunju 2021 (il-Liġi dwar il-Klima).
22 L-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija.
23 COM(2021) 554 final (ir-Regolament LULUCF).
24 Abbażi tad-*data* mill-CATDAT pprovduta minn RiskLayer.
25 It-tmien EAP, l-Artikolu 3(s).

| | | |
|---|---|---|
| | materja prima meħtieġ għall-produzzjoni tal-prodotti kkunsmati fl-Unjoni | |
| **6. Ġenerazzjoni totali tal-iskart** (kg *per capita*) | Il-prevenzjoni tal-iskart: it-tnaqqis b'mod sinifikanti tal-ammont totali tal-iskart iġġenerat sal-2030[26] | Eurostat |
| **Tniġġis żero u ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi** *(l-Artikolu 2(2)(d))* | | |
| **7. Imwiet prematuri minħabba l-esponiment għal materja partikolata fina** (PM2,5) (għadd ta' mwiet prematuri) | Impatt ambjentali fuq is-saħħa: it-tnaqqis tal-imwiet prematuri mit-tniġġis tal-arja b'55 % (mil-livelli tal-2005) sal-2030[27] | EEA |
| **8. Nitrati fl-ilma ta' taħt l-art** (mg ta' $NO_3$/l u % ta' stazzjonijiet ta' monitoraġġ b'valur ogħla minn 50 mg $NO_3$/l) | Ilma nadif: it-tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti b'mill-inqas 50 % tar-riżorsi sikuri tal-ilma ta' taħt l-art | EEA[28] |
| **Il-bijodiversità u l-ekosistemi** *(l-Artikolu 2(2)(e))* | | |
| **9. Żoni protetti tal-art u tal-baħar iddeżinjati**[29] (% tal-erja totali) | Il-ħarsien tan-natura: il-ħarsien legali ta' mill-inqas 30 % taż-żona tal-art tal-UE u 30 % taż-żona tal-baħar tal-UE sal-2030[30] | EEA |
| **10. Indiċi tal-għasafar komuni** (indiċi: 1990 = 100) | Il-preservazzjoni tal-bijodiversità: it-treġġigħ lura tad-depopolazzjonijiet tal-għasafar komuni[31] | EBCC/[32] Birdlife/RSPB /CSO |
| **11. Konnettività tal-foresti** (0-100 %[33]) | Ekosistemi b'saħħithom: iż-żieda fil-grad ta' konnettività fl-ekosistemi tal-foresti, bil-għan li jinħolqu u jiġu integrati kurituri ekoloġiċi[34] u tiżdied ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima | Ċentru Konġunt tar-Riċerka |
| **Pressjonijiet ambjentali u klimatiċi relatati mal-produzzjoni u l-konsum tal-UE** *(l-Artikolu 2(2)(f))* | | |

26 Pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari, COM(2020) 98 final u Pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero, COM(2021) 400 final.
27 ZPAP COM(2021) 400 final.
28 Id-*data* annwali tal-EEA se tiġi vvalidata mid-*data* miġbura skont id-Direttiva dwar in-Nitrati (sors tad-*data*: ENV/JRC) disponibbli kull 4 snin.
29 Siti ddeżinjati fil-livell nazzjonali jew siti tan-Natura 2000.
30 L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità.
31 L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità.
32 EBCC – il-Kunsill Ewropew taċ-Ċensiment tal-Għasafar; RSPB – is-Soċjetà Rjali għall-Ħarsien tal-Għasafar; CSO (is-Soċjetà Ċeka għall-Ornitoloġija)
33 Minn l-ebda konnettività (0 %) għal konnettivita sħiħa (100 %).
34 Strateġija tal-UE għall-bijodiversità b'referenza għal Network trans-Ewropew tan-Natura u proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar ir-restawr tan-natura , COM(2022) 304 final tat-22.6.2022.

| | | |
|---|---|---|
| **12. Konsum tal-enerġija** (f'miljuni ta' tunnellati ta' ekwivalenti taż-żejt) | Effiċjenza enerġetika: it-tnaqqis (primarju u finali) tal-konsum tal-enerġija b'mill-inqas 13 % sal-2030 meta mqabbel mal-2020[35] | Eurostat |
| **13. Sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija.**(f'%)[36] | Enerġija sostenibbli: mill-inqas [45 %] tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija sal-2030[37] | Eurostat |
| **14. Rata tal-użu ta' materjal ċirkolari** (f'% għall-użu kumplessiv tal-materjal) | Industrija sostenibbli: id-doppju tal-proporzjon tal-użu ta' materjal ċirkolari sal-2030 meta mqabbel mal-2020[38] | Eurostat |
| **15. Sehem tal-karozzi tal-linja u tal-ferroviji fit-trasport intern tal-passiġġieri** (% tat-trasport totali intern tal-passiġġieri, espress f'kilometri ta' passiġġieri) | Mobbiltà sostenibbli: Iż-żieda fis-sehem tal-modi kollettivi tat-trasport (karozzi tal-linja, kowċis u ferroviji) | Eurostat |
| **16. Erja għall-biedja organika** (% taż-żona agrikola utilizzata f'km²) | Agrikoltura sostenibbli: 25 % tal-art agrikola tal-UE użata għall-biedja organika sal-2030[39] | Eurostat |
| **Kundizzjonijiet abilitanti** *(l-Artikolu 3)* | | |
| 17. S**ehem tat-taxxi ambjentali fid-dħul totali mit-taxxa** (f'%) | Min iniġġes jiġi mġiegħel iħallas: iż-żieda fis-sehem tat-taxxi ambjentali fid-dħul totali mit-taxxi u mill-kontribuzzjonijiet soċjali | Eurostat |
| **18. Sussidji għall-fjuwils fossili** (miljuni ta' EUR)[40] | Min iniġġes jiġi mġiegħel iħallas: it-tnaqqis tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, b'mod partikolari s-sussidji għall-fjuwils fossili, bil-għan li dawn jitneħħew b'mod gradwali mingħajr dewmien | Il-Kummissjoni Ewropea |
| **19. Nefqa għall-ħarsien tal-ambjent** (biljuni ta' EUR u % tal-PDG) | Il-finanzjament tat-tranżizzjoni: iż-żieda fl-infiq mill-unitajiet domestiċi, mill-korporazzjonijiet u mill-gvernijiet fuq il-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-eliminazzjoni tat-tniġġis u ta' degradazzjoni ambjentali oħra | Eurostat |

35 Il-mira tirrifletti t-tħabbira tar-REPowerEU (COM(2022) 230 final). Soġġetta għall-qbil finali dwar id-Direttiva emendata dwar l-Effiċjenza Enerġetika (COM(2021) 558 final) u l-mira dwar l-enerġija rinnovabbli soġġetta għad-Direttiva emendata dwar l-Enerġija Rinnovabbli (COM(2021) 557 final.

36 Inkluż it-tqassim skont is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

37 Ara n-nota f'qiegħ il-paġna għall-indikatur 12, in-numru għandu jiġi adattat, soġġett għal qbil finali dwar id-Direttiva emendata dwar l-Enerġija Rinnovabbli (COM(2022) 222 final.

38 Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari COM(2020) 98 final: "fid-deċennju li ġej".

39 L-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità u l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt.

40 Id-*data* hija ppubblikata fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija, COM(2021) 950 final. Mill-2023, id-*data* se tkun ibbażata fuq ir-rapportar tal-Istati Membri meħtieġ skont ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika.

| | | |
|---|---|---|
| **20. Bonds ekoloġiċi**<br>(% tal-bonds totali maħruġa) | Investimenti sostenibbli: iż-żieda fil-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi biex tingħata spinta lill-finanzjament pubbliku u privat għall-investimenti ekoloġiċi | EEA[41] |
| **21. Indiċi tal-ekoinnovazzjoni**[42]<br>Il-prestazzjoni tal-Istati Membri meta mqabbla mal-medja tal-UE (UE = 100) u x-xejra | Innovazzjoni għas-sostenibbiltà: iż-żieda tal-ekoinnovazzjoni bħala xprunatur għat-tranżizzjoni ekoloġika | Osservatorju tal-Ekoinnovazzjoni |
| **Ngħixu tajjeb, fi ħdan il-limiti planetarji** *l-Artikolu 2(1)* | | |
| **22. Teħid tal-art**<br>($km^2$ kull sena) | Il-limiti planetarji/l-użu sostenibbli tal-art: l-ebda teħid nett tal-art sal-2050[43] | EEA |
| **23. Indiċi aġġornat tal-konsum tal-ilma**[44]<br>(f'%) | Il-limiti planetarji/l-użu sostenibbli tal-art: titnaqqas l-iskarsezza tal-ilma[45] | EEA |
| **24. Impronta tal-konsum**[46]<br>(abbażi tal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja) | Konsum sostenibbli: it-tnaqqis b'mod sinifikanti tal-impronta tal-konsum tal-UE[47], jiġifieri l-impatt ambjentali tal-konsum | Ċentru Konġunt tar-Riċerka |
| **25. Impjiegi u valur miżjud gross tas-settur tal-oġġetti u s-servizzi ambjentali**<br>(% tal-ekonomija totali) | Kompetittività sostenibbli: iż-żieda fl-ishma tal-ekonomija ekoloġika u tal-impjiegi ekoloġiċi fl-ekonomija kollha[48] | Eurostat |
| **26. SPAZJU RIŻERVAT L-inugwaljanzi ambjentali**[49] | Benesseri ambjentali: it-tnaqqis fl-inugwaljanzi ambjentali u l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta | |

## 5. L-għeluq tad-diskrepanzi fl-indikaturi

Il-konsultazzjonijiet żvelaw xi diskrepanzi fil-monitoraġġ rigward l-indikaturi li jistgħu jkunu utli għat-tfassil tal-politika dwar l-ambjent u l-klima fis-snin li ġejjin. Pereżempju, għad ma hemm l-ebda indikatur xieraq għall-monitoraġġ tal-ekosistemi u tal-ħamriji b'saħħithom jew għall-użu sostenibbli tas-sustanzi kimiċi. Għalkemm id-*data* ta' monitoraġġ tinġabar f'ħafna oqsma, xi rekwiżiti eżistenti ta' rapportar ma jinkludux il-kondiviżjoni annwali tad-*data* fil-livell tal-UE, eż. id-*data* dwar l-iskart fil-baħar jew is-sustanzi kimiċi fl-ilma tiġi rrapportata lill-UE kull 6 snin biss.

41 Abbażi ta' Bloomberg Finance L.P. użat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-progress lejn l-unjoni tas-swieq kapitali, (2021)544 final/2.
42 L-indiċi jista' jiġi ssostitwit biex jirrifletti l-ħtiġijiet ta' politika l-ġodda.
43 L-istrateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030, COM(2021) 699 final.
44 Għal informazzjoni dwar is-setturi koperti u l-iskala tal-ħin u tal-ispazju, ara https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/sdg_06_60_esmsip2.htm u https://www.eea.europa.eu/data-and-maps/indicators/use-of-freshwater-resources-3/assessment-4
45 Id-Direttiva 2000/60/KE (id-Direttiva Qafas dwar l-ilma).
46 Dan l-indikatur jikkombina l-intensità tal-konsum u l-impatti ambjentali tal-prodotti rappreżentattivi għal ħames oqsma ta' konsum, filwaqt li jivvaluta l-katina tal-provvista kollha tal-prodotti (domestiċi u kummerċjali).
47 It-tmien EAP, l-Artikolu 3(s) u l-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari.
48 Għad-definizzjonijiet, ara https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/env_egs_esms.htm
49 Ara t-Taqsima 5.

Dan l-ostaklu se jiġi indirizzat bl-implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni eżistenti u billi jsir sforz għal spazji ta' *data* miftuħa fil-politiki tal-UE[50].

It-tmien EAP jinkludi indikaturi sistemiċi li jindirizzaw ir-rabta ambjentali-soċjali u ambjentali-ekonomika. Għall-inugwaljanzi ambjentali, ikun hemm inkluż spazju riżervat filwaqt li l-EEA tiżviluppa indikatur li jorbot l-esponiment għat-tniġġis tal-arja mal-livell ta' introjtu. Dan huwa parti minn sforz usa' biex titkejjel l-ekwità ambjentali u biex l-esponiment tal-gruppi f'riskju ta' emarġinazzjoni soċjoekonomika jiġi marbut mar-riskji ambjentali u tas-saħħa. Dwar is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, il-Kummissjoni bħalissa qed tħejji att ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika[51], li se jinkludi r-rapportar dwar l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-enerġija, b'mod partikolari għall-fjuwils fossili. Fl-2022, il-Eurostat beda jiġbor mill-istituti nazzjonali tal-istatistika *data* relatata ma' "sussidji ambjentali potenzjalment ta' ħsara". Dwar ir-rabta ambjentali-ekonomika, għad hemm diskrepanzi fl-indikaturi biex jiġu vvalutati l-benefiċċji makroekonomiċi tad-diversità tal-ekosistema, ir-riskji li jirriżultaw mill-qerda tal-ekosistema, il-kost tas-sustanzi niġġiesa minbarra l-gassijiet serra u l-benefiċċji soċjoekonomiċi kumplessivi u l-aspetti distribuzzjonali tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà ambjentali.

Xi indikaturi li ma kinux intgħażlu bħala ewlenin se jintużaw għaż-żewġ valutazzjonijiet fid-dettall ippjanati fl-2024 u fl-2029. Pereżempju, id-*data* dwar it-telf uman relatat mal-klima tista' tgħin biex twessa' l-perspettiva meta jiġi vvalutat il-progress lejn l-adattament għat-tibdil fil-klima. L-istess japplika għall-potenzjal *tal-karbonju organiku fil-ħamrija* għar-restawr tan-natura, *is-sehem tal-provvista tal-ħaxix mill-provvista tal-kaloriji kumplessiva* u *l-użu tal-pestiċidi*[52] għall-valutazzjoni tal-progress lejn sistema tal-ikel sostenibbli, jew indikatur dwar *l-elettrifikazzjoni tat-trasport* għal perspettiva usa' fir-rigward tal-mobbiltà sostenibbli. L-indikaturi dwar il-governanza ambjentali li jkopru l-assigurazzjoni tal-konformità, it-trasparenza, il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja, ma humiex xierqa bħala indikaturi ewlenin iżda se jintużaw għall-valutazzjonijiet dettaljati.

## 6. Rapporti dwar il-progress

F'konformità mad-Deċiżjoni dwar it-tmien EAP, il-Kummissjoni, appoġġata mill-EEA u mill-ECHA, se tippreżenta rapporti annwali dwar il-progress lejn l-objettivi abbażi tal-qafas ta' monitoraġġ bis-26 indikatur ewlieni tiegħu deskritti f'din il-Komunikazzjoni.

L-EEA se tiżviluppa l-metodoloġija ta' valutazzjoni f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u se tippreżenta l-ewwel rendikont annwali tagħha tal-progress sa tmiem l-2023. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar is-sejbiet ewlenin tagħha biex tiffaċilita l-iskambju annwali mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. Minbarra r-rapportar u l-iskambju annwali, id-Deċiżjoni dwar it-tmien EAP tipprevedi wkoll rieżami ta' nofs it-terminu fl-2024 u evalwazzjoni fl-2029.

---

50 COM(2020) 66 final.

51 Ara l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

52 Proposta għall-Użu Sostenibbli tad-Direttiva dwar il-Pestiċidi COM(2022) 305 final: mira biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi kimiċi b'50 % sal-2030.

Dan ir-rapportar se jappoġġa l-komunikazzjoni dwar il-progress biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku. Dan se jintuża bħala bażi għall-komunikazzjoni maċ-ċittadini u ma' dawk li jfasslu l-politika dwar jekk l-azzjonijiet tagħna humiex ambizzjużi biżżejjed biex jgħinuna nibqgħu fi ħdan il-limiti planetarji jew jekk hijiex meħtieġa aktar ambizzjoni. Il-konsultazzjoni ffavoriet indikaturi li jistgħu jiġu mqassma f'livelli differenti ta' governanza, li se jiffaċilitaw djalogu fil-livell nazzjonali, reġjonali, tal-belt u lokali.

## 7. X'inhuma l-prospetti?

It-tmien EAP jeħtieġ qafas ta' monitoraġġ li huwa stabbli filwaqt li jippermetti xi flessibbiltà. F'konformità ma' dan, il-Kummissjoni se tikkunsidra li tipproponi bidliet fl-indikaturi ewlenin wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-2024 u l-evalwazzjoni tal-2029, b'mod partikolari bil-għan li jsiru disponibbli indikaturi ġodda bħala riżultat ta' ħidma kontinwa u futura (ara t-taqsima 5).

It-tmien EAP jagħti l-kompiti lill-Kummissjoni biex tiċċara aktar u potenzjalment tissimplifika l-interkonnessjonijiet bejn is-settijiet tal-indikaturi eżistenti fil-livell tal-UE, l-oqfsa ta' monitoraġġ u l-proċessi li jsegwu l-progress soċjali, ekonomiku u ambjentali. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tibni fuq għodda ġdida[53] li tiġbor flimkien id-*data* minn aktar minn 100 indiċi, tabella ta' valutazzjoni u dashboard u tippermetti l-identifikazzjoni tal-interkonnessjonijiet bejniethom. Jenħtieġ li r-rapport iwassal għal *dashboard sommarju futur li ma jqisx biss il-PDG* ħalli jitkejjel il-progress tal-UE lejn is-sostenibbiltà, il-benesseri u r-reżiljenza. Is-sett ta' indikaturi ewlenin tat-tmien EAP jista' jikkostitwixxi l-komponent ambjentali tiegħu.

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-koerenza bejn l-indikaturi ewlenin tat-tmien EAP u għodod oħra ta' monitoraġġ trasversali, bħas-Semestru Ewropew u l-monitoraġġ tal-SDGs tal-UE. Il-Kummissjoni bdiet ukoll ħidma preparatorja lejn qafas integrat għall-benesseri, li jista' jinforma lil dawk li jfasslu l-politika u lill-partijiet ikkonċernati dwar jekk il-politiki ambjentali humiex ambizzjużi biżżejjed biex l-UE tibqa' fil-limiti sikuri u ġusti tal-pjaneta tagħna.

53 https://composite-indicators.jrc.ec.europa.eu/explorer